

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi”

(COM(2018) 375 final — 2018/0196 (COD))

(2019/C 62/13)

Relatur: **Stefano MALLIA**

Konsultazzjonijiet	Parlament Ewropew, 11.6.2018 Kunsill Ewropew, 19.6.2018
Bażi legali	Artikoli 177, 304 u 322(1) tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	3.10.2018
Adottata fil-plenarja	17.10.2018
Sessjoni plenarja Nru	538
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	111/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-politika ta’ koeżjoni hija waħda mill-iktar politiki tanġibbli tal-UE li għandha impatt dirett fuq il-ħajja ta’ kuljum taċ-ċittadini. Fid-dawl ta’ dan, il-KESE jopponi bil-qawwa l-proposta tal-Kummissjoni li tnaqqas il-baġit tal-UE b’10 % f’termini reali. F’dan ir-rigward, il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex isibu soluzzjonijiet li jippermettu li dan il-baġit jinżamm fl-istess livell bħal dak tal-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 fil-valuri tal-2020.

1.2. Il-KESE jemmen li hemm il-ħtieġa għal strateġija politika ċara li tkun allinjata mal-impenji globali tal-UE. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni ġġedded l-Istrateġija Ewropa 2020 u tallinja l-prijoritajiet tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) il-ġdid ma’ din l-istrateġija l-ġdida. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni tintegra b’mod effettiv l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) f’regolamenti relatati mal-politika ta’ koeżjoni billi tiżgura l-inklużjoni trasversali tagħhom fil-prijoritajiet kollha tal-fondi.

1.3. Il-KESE jsib li ċ-ċirkostanzi ekonomiċi stabbiliti mis-CPR (kondizzjonalitajiet makroekonomiċi, kofinanzjament imnaqqas, eċċ.) joħlqu ambjent riġidu wisq u jistgħu jagħmlu ħsara lill-investiment. Għalhekk, il-KESE:

— jirrifjuta l-kondizzjonalità makroekonomika biex jiġu penalizzati r-reġjuni u ċ-ċittadini li ma jkunux ħatja għal deċiżjonijiet makroekonomiċi li jittieħdu fil-livell nazzjonali jew Ewropew;

— jistieden lill-Kummissjoni żżomm ir-regola ta’ diżimpenn f’N+3;

— jappella lill-Kummissjoni terġa’ tikkunsidra li żżid ir-rati ta’ kofinanzjament.

1.4. Il-KESE japprezza ħafna l-isforzi fir-rigward tas-semplifikazzjoni, il-flessibbiltà u l-effettività — dawn jippontaw fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, sfortunatament il-ġabra tar-regoli l-ġdida mhijiex sett wieħed ta’ regoli.

1.5. Il-KESE jsib li r-regoli relatati mal-konċentrazzjoni tematika huma stretti wisq. Il-KESE jipproponi li wieħed mill-objettivi politiċi għandu jintgħażel mill-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-objettiv politiku 5 bħala dak il-PO li jista' jiggwarantixxi l-aktar soluzzjoni mfassla apposta għall-isfidi speċifiċi tagħhom.

1.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżviluppa l-għodod meħtieġa li jippermettu ż-żoni bi żvantaġġi strutturali u permanenti (gżejjer, reġjuni muntanjużi eċċ. ⁽¹⁾) sabiex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi speċifiċi u kumplessi tagħhom. Din ma tistax tibqa' l-unika kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li l-proġetti implimentati f'dawn l-oqsma jkunu appoġġjati minn rati ogħla ta' kofinanzjament.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda li jinstabu soluzzjonijiet ad hoc biex tkun indirizzata s-sitwazzjoni ta' dawk il-pajjiżi jew reġjuni li kienu kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza matul il-programm 2007-2013 li jibbenefikaw minn rata ta' kofinanzjament ta' 80 % matul il-perjodu 2014-2020 u li issa se jiġu kklassifikati bħala reġjuni ta' tranżizzjoni matul il-perjodu 2021-2027 li jibbenefikaw minn rata ta' finanzjament ta' 55 %.

1.8. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tkompli ssaħħa is-sinerġiji billi ssib mod kif tintegra mill-ġdid il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali fil-ġabra ta' regoli kif ukoll billi ssaħħa ir-rabtiet mal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+). Il-KESE huwa wkoll favur integrazzjoni akbar ma' u bejn programmi u għodod oħrajn ta' finanzjament (Orizzont 2020, InvestEU eċċ.).

1.8.1. Dawn ir-rabtiet għandhom jidhru wkoll fl-ippogrammar tal-fondi. Il-KESE jhegġegħ lill-Istati Membri sabiex iħejju u jimplementaw programmi plurifondi li jindirizzaw l-isfidi b'mod integrat. Il-KESE jemmen li l-integrazzjoni għandha tidher ukoll f'termini ta' kooperazzjoni territorjali; rabtiet raġonevoli bejn rurali-urbani, urbani-peri-urbani eċċ., jiġifieri approċċ ibbażat fuq il-post huwa essenzjali.

1.9. L-implimentazzjoni ta' "governanza f'diversi livelli u b'diversi atturi" bl-involvement tal-imsieħba ekonomiċi u soċjali fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet u tal-implimentazzjoni hija waħda mill-aktar kundizzjonijiet importanti għas-suċċess tal-politika ta' koeżjoni. Fir-rigward tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-KESE jinnota n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-imsieħba Soċjali Ewropej u jitlob li dan jiġi rivedut u aġġornat f'konsultazzjoni diretta magħhom. Il-KESE jappella wkoll li l-Kodiċi ta' Kondotta jsir vinkolanti.

1.10. Il-KESE jirrifjuta t-tneħħija tal-prinċipji tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċessibilità tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli mill-proposta l-ġdida tas-CPR. Għalhekk huwa jirrakkomanda bil-qawwa li l-Artikolu 7 tas-CPR attwali 2014-2020 jiġi inkorporat fis-CPR il-ġdid propost, u li dan il-prinċipju jiġi inkorporat direttament fit-test ewlieni tar-regolament propost tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (FEŻR u FK). Barra minn hekk, il-KESE jipproponi li jiġu inklużi l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità fl-Artikolu 67 — fuq għażla tal-operazzjonijiet — tas-CPR propost.

1.11. Il-KESE jqis li sforz ta' komunikazzjoni ġenerali iktar effettiv huwa essenzjali. Ta' spiss jiġri li proġetti ffinanzjati mill-UE jsiru bi f'tit jew l-eħda għarfien taċ-ċittadini tal-involvement tal-UE. Il-KESE għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tistabilixxi strateġija ta' informazzjoni aktar effettiva mmirata lejn iċ-ċittadini tagħha u t-tipi differenti ta' benefiċjarji.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE jiddispaċiħ ħafna li l-baġit tal-politika ta' koeżjoni tnaqqas b'10 % f'termini reali. F'dan ir-rigward, il-KESE jopponi bil-qawwa t-tnaqqis propost tal-baġit tal-UE u jipproponi li l-Istati Membri jsibu soluzzjonijiet li permezz tagħhom il-baġit jista' jinżamm fil-livell attwali fil-valuri tal-2020.

2.2. Il-politika ta' koeżjoni hija waħda mill-iktar elementi importanti biex iċ-ċittadini jressqu iktar qrib il-viżjoni tal-integrazzjoni Ewropea. Din għandha valur miżjud ċar fil-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir sostenibbli u l-infrastruttura moderna, sabiex jingħelbu l-ostakli strutturali, jissaħħa il-kapital uman u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni. Għal din ir-raġuni l-KESE jilqa' bis-sħiħ il-fatt li r-reġjuni kollha huma eliġibbli għal finanzjament.

2.2.1. Il-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha tkun parti integrali minn strateġija ta' investment Ewropea, b'approċċ territorjali qawwi, li għandu l-għan li jawtonomizza kull reġjun bl-għodod neċessarji biex tiżdied il-kompetittività tagħhom. Din għandha twassal għal trasformazzjoni ekonomika u strutturali, li tiżgura bażi reżiljenti f'kull reġjun, abbażi tal-qawwiet tagħhom stess ⁽²⁾.

⁽¹⁾ L-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

⁽²⁾ https://www.business-europe.eu/sites/buseur/files/media/position_papers/ecofin/2017-06-09_eu_cohesion_policy.pdf

2.3. Il-KESE jinnota li l-approċċ il-ġdid, li għadu bbażat fuq tliet kategoriji (inqas żviluppat, tranżizzjoni, iktar żviluppat), huwa approċċ imfassal iktar apposta. Filwaqt li l-metodu ta' allokkazzjoni għall-fondi fil-parti l-kbira għadu bbażat fuq il-PDG per capita, żdiedu kriterji ġodda (il-qgħad fost iż-żgħażaġh, livell baxx tal-edukazzjoni, it-tibdil fil-klima, u l-akkoljenza u l-integrazzjoni tal-migranti). Il-KESE huwa tal-fehma li dan jirrifletti aħjar ir-realtà fil-prattika, għalkemm — f'konformità mal-Valutazzjoni tal-Impatt meħtieġa mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ⁽³⁾ — il-KESE jħoss li dan l-approċċ jista' jkun irfinat ulterjorment.

2.4. Il-KESE huwa mħasseb ferm dwar il-proposta tal-Kummissjoni li jitnaqqsu r-rati ta' kofinanzjament u l-effett ta' dan fuq l-impenn tal-benefiċjarji f'sitwazzjonijiet finanzjarji inqas favorevoli. L-inklużjoni tal-VAT bħala spiża eliġibbli hija milqugħa, għalkemm diġà jeżisti xi element tagħha fil-perjodu attwali.

2.5. Għandu jiġi nnotat ukoll li jeżistu sitwazzjonijiet li fihom il-pajjiżi jew ir-reġjuni kklassifikati bħala reġjuni ta' konverġenza matul il-programm tal-2007-2013 li jibbenefikaw minn rata ta' kofinanzjament ta' 80 % matul il-perjodu tal-2014-2020 issa se jiġu kklassifikati bħala reġjuni ta' tranżizzjoni matul il-perjodu tal-2021-2027 li jibbenefikaw minn rata ta' finanzjament ta' 55 %, li tfisser nuqqas kbir fil-kofinanzjament għalihom. Il-KESE jħoss li dawn is-sitwazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati b'mod speċifiku. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li fi proġetti b'finanzjament privat, il-benefiċjarji se jirċievu biss il-kofinanzjament tal-akkwist pubbliku.

2.6. Il-prijorità tal-UE fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi għandha tkun li ssaħħa ir-rabtiet li jgħaqqduhom mal-Ewropa kontinentali u s-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini tagħhom fil-proġett Ewropew ⁽⁴⁾. Il-KESE jilqa' l-fatt li r-reġjuni ultraperiferiċi se jkomplu jibbenefikaw minn appoġġ speċjali tal-UE.

2.7. Madankollu, il-KESE jiddispijaċih li l-politika ta' koeżjoni għadha ma toffrix soluzzjonijiet komprensivi għall-isfidi tat-territorji speċifiċi msemmija fl-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾. L-istudji juru li l-awtoritajiet ċentrali mhux dejjem jindirizzaw l-oqsma speċifiċi kif imsemmi fl-Artikolu 174. Għalhekk, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tħeġġeġ l-involviment tal-partijiet ikkonċernati reġjonali u lokali fil-mod li bih jiġu indirizzati t-territorji speċifiċi mill-Istati Membri filwaqt li tirrispetta l-oqfsa istituzzjonali u legali fis-seħħ fit-territorji rispettivi.

3. Prinċipji ġenerali

3.1. Il-KESE jirrifjuta t-tneħħija tal-prinċipji tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, in-nondiskriminazzjoni, l-aċċessibbiltà tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll l-iżvilupp sostenibbli mill-proposta l-ġdida tas-CRP. L-acquis Ewropew żviluppa approċċ trasversali għal dawn fil-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-fondi (l-Artikolu 7 tas-CPR attwali u l-Artikolu 16 tas-CPR tal-2007-2013).

3.1.1. Għalhekk huwa jirrakkomanda bil-qawwa li l-Artikolu 7 tas-CPR attwali 2014-2020 jiġi inkorporat fis-CPR il-ġdid propost, u li dan il-prinċipju jiġi inkorporat direttament fit-test ewlieni tar-regolament tal-FEŻR u tal-FK propost. Barra minn hekk, il-KESE jipproponi b'konvinzjoni li tkun inklużiva l-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabilità fl-Artikolu 67 — fuq għażla tal-operazzjonijiet — tas-CPR propost.

3.2. Peress li l-UE hija Stat parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD), il-KESE jikkunsidra li huwa xieraq li l-UNCPRD tkun inkorporata fil-bażi ġuridika tar-regolament tas-CPR propost.

3.3. Il-KESE jemmen bil-qawwa li sħubija ġenwina fil-livelli kollha mal-imsieħba ekonomiċi u soċjali u mal-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili organizzata fit-tħejjija, fl-eżekuzzjoni u fl-evalwazzjoni ex-post tal-programmi u tal-proġetti fil-politika ta' koeżjoni tal-UE ttejjeb il-kwalità u t-twassil effiċjenti tagħhom. Fid-dawl tal-fatt li talab għal Kodiċi ta' Kondotta Tajba, il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-inizjattivi tal-Kummissjoni u jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet proposti tagħha (Artikolu 6) ⁽⁶⁾. Il-KESE jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni tista' teħtieġ li tiġi rfinata ħalli tindirizza l-isfidi speċifiċi għas-settur (b'mod partikolari sfidi relatati mas-sigurtà nazzjonali) indirizzati mill-programmi tal-migrazzjoni u tas-sigurtà.

⁽³⁾ SEC(2018) 268.

⁽⁴⁾ ĠU C 161, 6.6.2013, p. 52.

⁽⁵⁾ ĠU C 209, 30.6.2017, p. 9.

⁽⁶⁾ ĠU C 44, 15.2.2013, p. 23.

3.4. Il-KESE jemmen bil-qawwa li s-sħubija bejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-imsieħba ekonomiċi u soċjali fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali, fil-forma ta' governanza f'diversi livelli u b'diversi atturi, hija waħda mill-kriterji essenzjali għas-suċċess tal-politika ta' koeżjoni. Din għandha tkun il-kundizzjoni bażika sabiex jingħataw Ftehimiet ta' Sħubija u fondi Ewropej. Il-KESE jilqa' l-kliem vinkolanti l-għdid u jistieden espressament lil-leġislatur iżomm il-kliem attwali "għandu jinvolvi".

3.5. Fir-rigward tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-KESE nnota n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-imsieħba Soċjali Ewropej u jappella li dan jiġi rivedut u aġġornat f'konsultazzjoni diretta magħhom. Il-KESE jappella li l-Kodiċi ta' Kondotta jsir vinkolanti.

3.6. Sabiex jissaħħu l-ħiliet u l-effettività tas-sħubija, il-KESE jappella li jkun hemm l-introduzzjoni ta' miżuri ta' bini tal-kapaċità u ta' assistenza teknika għall-imsieħba imsemmija fl-Artikolu 6. Il-KESE jixtieq jara wkoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' konsultazzjoni annwali mal-imsieħba rilevanti.

3.7. Il-KESE jaqbel li kull membru tal-kumitat ta' monitoraġġ ikollu vot wieħed. Sabiex jiġi żgurat bilanċ tajjeb fit-teħid ta' deċiżjonijiet, il-piż tal-voti għandu jkun 50 % għall-awtoritajiet amministrattivi u għall-awtoritajiet maħtura fl-Artikolu 6 (1)(a) u 50 % għall-imsieħba ekonomiċi u soċjali fil-punti (b) u (c). Il-KESE jinnota li din il-proposta jista' jkollha l-bżonn li tiġi rfinata sabiex tindirizza kwistjonijiet sensitivi bħal dawk tas-sigurtà nazzjonali.

4. Semplifikazzjoni

4.1. Il-KESE jqis li huwa importanti ferm li l-piż amministrattiv mhux neċessarju jitnaqqas b'mod sostanzjali għall-benefiċjarji filwaqt li jinżamm livell għoli ta' assigurazzjoni tal-legalità u tar-regolarità. Il-KESE jirrikonoxxi u jilqa' l-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni indirizzata diversi kwistjonijiet fir-rigward tas-simplifikazzjoni.

4.2. Il-KESE jipproponi l-applikazzjoni sistematika tal-prinċipju ta' "darba biss" tas-Small Business Act għall-Ewropa, li jiżgura li l-formalitajiet amministrattivi, tal-awditjar u tal-kontroll jintbagħtu darba biss mill-manijers tal-proġetti lill-awtorità manijerjali kompetenti diretta li se tkun responsabbli biex tibgħathom lill-awtoritajiet manijerjali nazzjonali u Ewropej.

4.3. Il-KESE jirrakkomanda wkoll l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll/awditjar semplifikata żżejjed "de minimis" għal proġetti żgħar ħafna: jekk l-awtorità manijerjali immedjata ssib u tiddikjara li r-riżultati mistennija jkunu nkisbu, m'għandux jintalab kontroll jew awditjar ulterjuri.

4.4. Hija dikjarazzjoni eċċessiva li s-CPR jissejjaħ sett wieħed ta' regoli. Minkejja li hemm seba' fondi inklużi, minħabba l-għadd konsiderevoli ta' "eċċezzjonijiet għar-regoli" hemm nuqqas ta' koerenza; spiss ikun hemm dispożizzjonijiet differenti, pereżempju għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viża. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Semplifikazzjoni għal wara l-2020⁽⁷⁾, il-KESE jemmen li l-pakkett regolatorju għandu jkun ħafna iktar sempliċi u jevita l-mikroġestjoni tal-fondi.

4.5. Filwaqt li l-KESE jinnota l-integrazzjoni tal-fondi l-ġodda allokatu sabiex jiġu indirizzati l-kriżi tal-migrazzjoni u l-kwistjonijiet ta' sigurtà⁽⁸⁾ fi ħdan is-CPR, huwa jiddispijaċih ħafna li l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ma jagħmilx parti mill-ġabra ta' regoli kif ukoll li r-rabtiet mal-FSE+ huma iktar dgħajfa milli mal-predeċessur tiegħu. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni terġa' tikkunsidra din id-deċiżjoni.

4.6. Il-KESE jaqbel li għandha tingħata prijorità lis-sospensjoni tal-impenji u mhux tal-ħlasijiet biex jevita li s-sitwazzjonijiet jiġu aggravati. Il-ħlasijiet għandhom jiġu sospiżi biss meta tiġi mfitxija azzjoni immedjata u fil-każ ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti.

5. Flessibilità

5.1. Sabiex jiġu ffaċilitati l-ħolqien u t-tkabbir tan-negozji, l-UE għandha tappoġġja riformi għal ambjent li jiffavorixxi l-investiment li fi h in-negozji jkunu jistgħu jiffjorixxu u jtejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għall-intraprenditorija. Il-fondi ta' koeżjoni għandhom jintużaw biex jipprovdu kundizzjonijiet aħjar għat-tkabbir ta' negozji ġodda u SMEs innovattivi ġodda u biex jiffaċilitaw is-suċċessjoni ta' negozji tal-familja. F'dan ir-rigward, il-KESE jemmen li l-politika ta' koeżjoni trid tipprovdi qafas stabbli iżda flessibbli⁽⁹⁾.

⁽⁷⁾ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/newsroom/pdf/simplification_proposals.pdf

⁽⁸⁾ ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63.

⁽⁹⁾ ĠU C 81, 02.3.2018, p. 1.

5.2. Fir-rigward tat-trasferimenti obligatorji għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), il-KESE jinnota li l-ammont ġenerali ta' finanzjament li għandu jiġi ttrasferit baqa' fl-istess livell attwali, minkejja li kien hemm tnaqqis ta' 10 % fil-finanzjament ġenerali. Għalhekk, il-perċentwal ta' fondi ġenerali li jkun qed jiġu ttrasferiti fil-fatt ikun ogħla milli hu għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Il-KESE jaqbel mal-approċċ ġenerali sakemm il-baġit ġenerali tal-politika ta' koeżjoni jibqa' fil-livell tal-2014-2020.

5.3. Barra minn hekk, bħalissa 100 % tal-fondi li jiġu ttrasferiti lill-FNE huma delimitati għal kull Stat Membru. Il-proposta għall-perjodu l-ġdid hija li 70 % se jiġu delimitati għall-Istat Membru speċifiku, filwaqt li t-30 % li jifdal imorru lejn proġetti li tagħżel il-Kummissjoni. Il-KESE jirrifjuta bil-qawwa dan l-approċċ propost.

5.4. Il-KESE jilqa' l-fatt li mhux se jkun hemm iktar regoli speċifiċi għal investimenti li jiġġeneraw dħul. Il-KESE jinnota wkoll li mhu se jkun hemm l-ebda proċess għal "proġetti maġġuri" (minflok, il-proġetti strateġiċi se jiġu segwiti mill-kumitat ta' monitoraġġ). Filwaqt li dan minnu nnifsu huwa żvilupp milqugħ, il-KESE għandu tħassib dwar kif il-validità tal-proġetti maġġuri xorta tkun tista' tiġi ggarantita.

5.5. Il-KESE jilqa' wkoll il-possibbiltà li l-objettivi u r-riżorsi tal-programm jiġu aġġustati fid-dawl taċ-ċirkostanzi li qegħdin jinbidlu li jagħmluha possibbli li l-finanzjament tal-UE jiġi mobilizzat mill-ewwel ġurnata fil-każ ta' diżastru naturali⁽¹⁰⁾.

5.6. Il-KESE jaqbel li għotjiet waħedhom ma jistgħux jindirizzaw id-diskrepanzi sinifikanti fl-investment. Dawn jistgħu jiġu kkomplementati b'mod effiċjenti minn strumenti finanzjarji, li għandhom effett ta' ingranaġġ u li huma eqreb tas-suq. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-fatt li jsir iktar faċli biex l-għotjiet u l-istrumenti finanzjarji jingħaqdu flimkien u li l-qafas il-ġdid jinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċjali sabiex jattira iktar kapital privat.

5.7. Il-KESE jappoġġja l-fatt li l-assistenza teknika tal-Istati Membri ġiet issemplifikata u jispeċifika li l-imsieħba tal-Artikolu 6 għandhom jibbenefikaw minnha wkoll.

6. Effettività

6.1. Il-KESE jiddispaċi għall-fatt li l-Kummissjoni ma neditx proċess parteċipattiv li jwassal għal strateġija globali u integrata għal Ewropa sostenibbli fl-2030 u lil hinn. Hemm xi dubji dwar liema prijoritajiet il-Kummissjoni tipproponi li tallinja mal-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi operattivi tal-Istati Membri.

6.2. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tallinja l-politika ta' koeżjoni mal-Aġenda tan-NU għall-2030 u li l-SDGs tagħha jiġu inkorporati fit-test ewlieni tas-CPR, li jkopri l-fondi kollha.

6.3. Il-KESE huwa mħasseb dwar ir-regoli l-ġodda dwar il-konċentrazzjoni tematika. Il-KESE jemmen li l-konċentrazzjoni taż-żewġ fondi fuq żewġ prijoritajiet hija restrittiva wisq. Il-KESE huwa mħasseb dwar l-approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd li tiegħed mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Il-KESE jemmen li l-konċentrazzjoni tematika għandha tkun flessibbli biżżejjed biex il-prijoritajiet ta' finanzjament ikunu jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' żvilupp differenti fil-livell nazzjonali u reġjonali.

6.4. Il-KESE jilqa' r-rabta iktar mill-qrib mas-Semestru Ewropew permezz tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż⁽¹¹⁾. Madankollu, huwa jirrifjuta l-kondizzjonalità makroekonomika biex jiġu penalizzati r-reġjuni u ċ-ċittadini li ma jkunux ħatja ta' deċizzjonijiet makroekonomiċi li jittieħdu fil-livell nazzjonali jew Ewropew⁽¹²⁾. Il-KESE jaqbel li huwa importanti wkoll li tiġi żgurata komplementarjetà u koordinazzjoni sħiħa mal-Programm ta' Appoġġ għal Riforzi ġdid u mtejjeb.

6.5. Peress li dan jista' jikkontribwixxi għal aċċess simplifikat għall-finanzjament, il-KESE japprezza s-sinerġiji msaħħa bejn ċerti programmi ("L-approċċ tas-siġill ta' eċċellenza"), iżda fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-proposta mhijiex ċara biżżejjed (pereżempju, jekk, fil-każ tal-ġodda taż-Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, il-fondi strutturali jistgħux jingħaqdu mal-FAEŻR).

6.6. Fir-rigward tar-regoli dwar id-diżimpenn, il-KESE jiddispaċi li din il-proposta temenda r-regola attwali N+3 għal regola N+2 u jstieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex terġa' tikkunsidraha. Il-KESE jixtieq jikkunsidra l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li kellihom diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-programmi u joffrilhom iktar, u mhux inqas, flessibbiltà.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 173, 31.5.2017, p. 38.

⁽¹¹⁾ <https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/resources/docs/qe-02-17-362-en-n.pdf> u <https://www.eesc.europa.eu/sites/default/files/resources/docs/qe-01-14-110-en-c.pdf>.

⁽¹²⁾ ĠU C 191, 29.6.2012, p. 30.

6.7. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-kapaċità amministrattiva, speċjalment tal-Istati Membri u tar-reġjuni iktar żgħar, tista' titqiegħed taħt pressjoni enormi matul il-fażijiet tal-bidu tal-perjodu 2021-2027. Dan għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li filwaqt li l-Istati Membri għadhom qed jagħlqu l-perjodu ta' programmazzjoni attwali, huma se jkunu taħt pressjoni biex jibdeu jimplimentaw l-aħħar sentejn tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid (minħabba l-approċċ 5 + 2) u permezz ta' regola ta' N+2 kif ukoll ammont imnaqqas ta' prefinanzjament.

6.8. Minħabba l-fatt li intrapriżi żgħar u mikro u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jkollhom diffikultajiet sabiex jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti mill-fondi Ewropej b'mod ġenerali, il-KESE jappella għal appoġġ fir-rigward ta' azzjonijiet li jsaħħu l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni, jipprovdu coaching u mentoring u jagħtu spinta lill-kapaċitajiet ta' intervent tagħhom.

7. Programmazzjoni u implimentazzjoni

7.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li hemm inqas objettivi ta' politika (PO) li jidhru li huma iktar flessibbli mill-predeċessuri tagħhom, iżda jiddispaċih li dawn mhumiex marbuta ma' kuntest strateġiku usa'.

7.2. Il-KESE jilqa' b'mod speċjali l-objettiv ta' politika l-ġdid imsejjaħ "Ewropa qrib iċ-ċittadini tagħha" (PO5). Il-KESE jittama li, f'konformità mal-isem tiegħu (u mar-rekwiżiti tal-Artikolu 17(3)(g)), l-Istati Membri se jħejju u jimplimentaw il-programmi tagħhom skont dan l-objettiv f'kooperazzjoni mill-qrib maċ-ċittadini, mal-imsieħba ekonomiċi u soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

7.3. Il-KESE għandu tħassib rigward il-fatt li l-ewwel ħames snin biss jiġu pprogrammati għall-bidu. Il-KESE jara l-vantaġġi ta' dan l-approċċ iżda jibża' li dan jista' jsarraf f'piż amministrattiv kbir għall-awtoritajiet, li jinsabu f'riskju wkoll li ma jissodisfawx ir-regoli dwar id-diżimpenn.

7.4. Is-semplifikazzjoni tad-dokumenti tal-programmazzjoni (Ftehim ta' Sħubija (PA), programmi operattivi) hija milqugħa. B'mod partikolari, il-KESE jaqbel mas-semplifikazzjoni tal-PA u jemmen li dan għandu jkun dokument strateġiku ta' livell għoli. Għalhekk, huwa importanti li jsir sforz sabiex jiġi żgurat li l-programmi tal-Istati Membri jibqgħu konformi mal-prijoritajiet tal-UE u f'sinerġija ma' xulxin. Il-KESE jilqa' wkoll is-semplifikazzjoni tal-atti delegati. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' regolamentazzjoni żejda minn awtoritajiet maniġerjali, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi l-atturi ekonomiċi u soċjali Ewropej fil-formulazzjoni tal-atti delegati.

7.5. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jkun hemm soluzzjonijiet sempliċi proposti li jgħaqqdu l-inizjattivi differenti relatati mal-politika ta' koeżjoni (strateġiji u programmi) tal-livelli territorjali differenti b'mod orizzontali (eż. strateġiji makroreġjonali bi programmi transnazzjonali) u b'mod vertikali (bejn il-livelli territorjali differenti). Għal din ir-raġuni, il-KESE jilqa' l-Artikolu 17 u jhegġegħ lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma tagħha f'din id-direzzjoni.

7.6. Iktar minn nofs il-popolazzjoni tad-dinja issa tgħix fil-bliet, u din iċ-ċifra hija mistennija li tiżdied għal 70 % sal-2050⁽¹³⁾. Għalhekk, il-KESE jilqa' l-allokazzjoni miżjuda tal-FEŻR għall-iżvilupp urban sostenibbli integrat, iżda jiddispaċih li din ma ġietx estiża għall-FSE+.

7.7. Il-KESE jemmen li l-approċċ it-tajjeb huwa li l-iżvilupp territorjali jkun ibbażat fuq strateġiji territorjali integrati, li jippermetti lil-livell lokali jidentifika l-potenzjali u l-ħtiġijiet tiegħu u jniedi azzjonijiet fi sħubija bejn l-atturi lokali kollha sabiex jissodisfa ħtiġijiet speċifiċi identifikati. Il-KESE jemmen li dan huwa approċċ ta' governanza tajba li għandu jiġi msaħħaħ u imhegġegħ ħafna. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-fatt li l-imsieħba, skont l-Artikolu 6, għandhom ikunu involuti fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji territorjali.

7.8. Il-KESE jilqa' wkoll l-"għodod integrati l-oħra", kif imsemmi skont l-Artikolu 22(c), għaliex dawn jistgħu jippermettu l-identifikazzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet imfassla apposta u li jaħdmu lokalment, iżda jiddispaċih li l-użu tagħhom huwa limitat għall-PO5. Għodda bħal din għandha tkun miftuħa għall-POs kollha. Peress li l-ispjegazzjonijiet li jirrigwardaw din l-għodda l-ġdida għadhom pjuttost vagi, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni telabora iktar dwarha sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiġu mhegġga jużaw b'mod sħiħ din l-għażla.

7.9. Il-KESE jemmen li sabiex ir-realtà tiġi riflessa aħjar u sabiex jiġi żgurat li l-interess lokali jiġi rrappreżentat fl-azzjonijiet tal-Inizjattiva Ewropea Urbana l-ġdida, is-soċjetà ċivili għandha tkun involuta u rrappreżentata bil-qawwa fil-mekkaniżmu ta' governanza tagħha. Il-KESE jiffavorixxi ħafna t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' governanza bħal dan fuq skala Ewropea bl-involvement tal-atturi tas-soċjetà ċivili rilevanti.

⁽¹³⁾ <http://www.un.org/en/development/desa/news/population/world-urbanization-prospects-2014.html>

7.10. Il-KESE jemmen bil-qawwa li l-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni huma l-aktar viżibbli għaċ-ċittadini u l-atturi ekonomiċi u soċjali. L-azzjonijiet appoġġjati jikkostitwixxu waħda mill-aqwa difiżi kontra l-ewroxettiċiżmu u l-movimenti kontra l-Ewropa. Għalhekk huwa meħtieġ li tkun ipprovduta informazzjoni faċilment aċċessibbli, immirata skont l-attività professjonali tal-persuni kkonċernati, pereżempju b'linji gwida ta' Prattika tajba. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan strateġiku ta' komunikazzjoni fi sħubija mal-imsieħba kollha kkonċernati.

Brussell, is-17 ta' Ottubru 2018.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER
